TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

CCT/112/16/S

Carmel Borg
Vs
Solar Solutions Ltd

Illum 13 t'Ottubru,2016.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Carmel Borg ipprezentata fl-1 ta'Gunju,2016 u r-risposta tas-socjeta Solar Solutions Ltd ipprezentata fl-14 ta'Gunju,2016;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni taghhom fit-30 ta'Gunju,2016;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda ilment fuq batteriji li ma kinux qed iservu lir-rikorrent fil-provvista tal-elettriku. Min-naha taghha s-socjeta intimata tikkontendi li r-rikorrent immodifika s-sistema u li l-batteriji ma gewx iccargjati kif suppost;

Illi l-provi f'din il-kawza applikaw ukoll ghall-kaz CCT/113/16/S;

Illi jinghad mal-ewwel li min jallega jrid jipprova u dan fuq l-istregwa tal-massima *"incumbit probation ei qui dicat non ei qui negat"* (ara sentenza tal-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri fl-ismijiet 'Gemma Cassar Saetta vs Imco Distributors Limited' moghtija fit-13 ta'Jannar,1999);

Illi l-obbligu tal-prova tinkombi dejjem lil min jallega[1] u dan skont l-artikolu 562 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta'Malta;

Illi dan hu element importanti hafna fil-kamp civili u min irid jiddeciedi, irid jaghmel dan a bazi tal-provi imressqa;

Illi t-Tribunal jinnota li fil-kaz odjern, ma saritx il-prova daparti tar-rikorrent li l-batteriji kienu difettuzi;

Illi skont dak li rrizulta mill-provi, sa ftit qabel ghalqet il-garanzija, ir-rikorrent qatt ma kien kellem lil xi hadd mill-intimati b'xi ilment;

Illi jirrizulta li r-rikorrent ma kellimx lil min kien bieghlu l-batteriji biex jilmenta li ma kinux qed iservuh ghall-provvista tal-elettriku qabel biddel is-sistema;

Illi jekk sistema tigi disinjata mod, jekk tinbidel, dan jista' jkollu effett fuq il-produttivita u t-thaddim tas-sistema;

Illi dan it-Tribunal ihoss li mill-provi mressqa, r-rikorrent ma rnexxilux jipprova dak minnu allegat;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jichad

---

[1] Ara ukoll sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (151/05SM) fid-19 ta'Jannar,2011 fl-ismijiet "Martin Degabriele vs Melanie Borg"

it-talba ta' Carmel Borg filwaqt li Jilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta Solar Solutions Ltd, b'kull parti thallas l-ispejjez taghha ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru